KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**ID-DISA' (9) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Tnax (12)***

***Il-Ħamis, 10 ta' April, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 12 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| Il-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**12.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 11 li nżammet nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2025

12.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 11 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

12.2.3 **Mozzjoni Numru 12-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 11

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Vici Sindku Brian Xuereeb

Il-Minuti Numru 11 ġew approvati unanimament.

**12.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 12(09) – April 2025***

12.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 12(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11810 sa 11857 kif ukoll cheque bin-numri 7262 u 7263 li jammontaw €47,904.41

12.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

12.3.3 **Mozzjoni 12-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 12(09)

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

L-iskeda ta' pagamenti numru 12(09) ġiet approvata unanimament.

**12.4 <u>Ġieħ Ħal Għaxaq</u>**

*Bi qbil unanimu, il-Kunsill qabel li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit ħin sakemm issir diskussjoni interna (6:10pm)*

*Il-Laqgħa tkompliet.*

12.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li ġie ppublikat l-avviż għan-nominazzjonijiet, u intbagħtu permezz ta' email anki lil għaqdiet lokali, il-Kunsill Lokali irċieva għaxar nominazzjonijiet imsemmija hawn taħt:

i) Sur Reno Busuttil (6 nomini)
ii) Team Boċċi Għaxaq (1 nomina)
iii) Saverina Agius (1 nomina)
iv) Wigi Duca (1 nomina)
v) Dr Franco Debono (1 nomina)

12.4.2 Fid-dawl ta' dan il-Kunsill Lokali qabel li din is-sena il-Premju Ġieh Ħal Għaxaq jingħata lil Maestro Reno Busuttil.

12.4.3 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li l-persuni kollha li irċevew in-nomina għandhom jingħataw rikonoxximent tax-xogħol li għamlu. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

12.4.4 Il-Kunsillier Stephen Attard semma ukoll lil Fr Mario Said li bħala persuna taha kontribut kbir lill-Komunita' Għaxqija u li fl-opinjoni tiegħu ħaqqu li jingħata Ġieh Ħal Għaxaq. Fir-rigward, minħabba li ma kienx hemm nominazzjoni ġie ssuġġerit li jingħata rikonoxximent. Dwar dan il-Kunsill qabel.

12.4.5 Ġie propost ukoll li jingħataw dawn ir-rikonoxximenti:

i) Lill-membri tal-Kunsill fil-Leġislatura preċedenti: Is-Sur Darren Abela, is-Sur Keith Fenech u s-Sur Anthony Vella
ii) Is-Sur Angelo Gafa – Kummissarju tal-Pulizija
iii) Dr Victoria Buttigieg – Avukat Ġenerali
iv) Jake Zammit – student li ġab unur lil-lokal f'Kompetizzjoni Edukattiva
v) Għaxaq Wolves – rebħ tal-kampjonat tal-MAFA

Dwar l-għotja ta' dawn ir-rikonoxximenti l-Kunsill qabel unanimament.

## 12.5 Attivitajiet f'Jum Ħal Għaxaq

12.5.1 Is-Sindku Karl Boxall stieden lill-Kunsilliera biex jinfurmaw il-Kunsill dwar l-andament tal-attivitajiet li kull kunsillier qed jorganizza.

12.5.2 Il-Kunsillier Steven Axisa tkellem dwar l-ewwel attivita' li se ssir għat-tfal nhar it-Tlieta 15 t'April fuq Santu Rokku. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li waqt l-attivita' se jkun hemm show mill-Pulizija bil-klieb u żwiemel, se jkun hemm ukoll wirja b'xi għasafar tal-priża, u xi annimali oħra. Din l-attivita' qed issir bil-kollaborazzjoni tal-iSkola Primarja u għal din l-attivita' se jkunu qegħdin jitqassmu xi materjali ta' promozzjoni mill-Ministeru tal-Agrikultura u d-drittijiet tal-annimali.

12.5.3 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li il-Ħamis 24 t'April se tkun qed tiġi inawgurata l-Librerija fit-telephone box li għandna fi Vjal il-Labour fejn se tkun qed tiġi restawrata. Waqt din l-attivita' se tkun qed issir sessjoni ta' 'Aqra Miegħi' immirata għat-tfal bejn 0 u 4 snin. Se jkunu qegħdin jingħataw 100 ktieb mill-Malta Libraries biex jitpoġġew fil-Librerija żgħira miftuħa.

12.5.4 Il-Vici Sindku Brian Xuereb tkellem dwar l-attivita' l-oħra li se ssir il-Ġimgħa 25 t'April filgħodu fejn se tkun qed tiġi organizzata Sports Day fi Triq id-Dejl bil-kollaborazzjoni ta' Sports Malta. Għal din l-attivita' s'issa għandna 12-il applikant iżda se nkunu qed nestendu d-data sabiex jekk hemm iktar tfal interessati jilħqu jirreġistraw. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li se jkun hemm tfal żgur li se jiġu dakinhar li ma jkunux irreġistraw u dawn jistgħu jingħataw iċ-ċans li jipparteċipaw. Għal din l-attivita' se jingħataw midalji lil kull parteċipant li dawn se jkunu sponsorjati mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali. Se jkunu qed jitqassmu ukoll xi materjal ta' promozzjoni minn Sports Malta waqt l-attivita'.

12.5.5 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi flimkien mas-Sindku Karl Boxall tkellmu dwar l-organizzazzjoni ta' Ghaxaq Fest fejn se jsir il-kunċert ta' Glen u Amber fil-Pjazza il-Ġimgħa 25 t'April mis-7:30pm 'il quddiem. Għal din l-attivita' l-Kunsill ingħata fondi minn Arts Council Malta. Se tkun qed issir Backdrop biex titpoġġa' wara l-istage għal waqt l-attivita' u l-każini se jkunu qed jintalbu biex jassistu f'din l-attivita' billi jarmaw il-Pjazza bid-dawl u l-arbli u waqt l-attivita' jistgħu jbiegħu ikel u xorb. Jekk ikun hemm talba għal xi gabbana jew stands tal-ikel u x-xorb oħra se jkun qed jingħata l-permess filwaqt li tintalab donazzjoni ta' €100.

12.5.6 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li se jkunu qegħdin jibdew jinħarġu l-inviti għar-Riċeviment tas-Sibt 26 t'April fejn se ssir il-Quddiesa fis-6pm fil-Knisja u wara jista' jsir il-kxif tal-Monument ta' Vjal il-Labour fejn l-iskultur ikkonferma li se jkun qed jitlesta għal din l-okkażjoni. Dan il-Monument se jkun qed jiġi ffinanzjat mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Wara l-kxif tal-Monument isir ir-Riċeviment ġewwa Captain's Garden.

12.5.7 Il-Kunsillier Stephen Attard tkellem dwar l-attivita' tal-Ħadd filgħodu 27 t'April fejn se ssir wirja tal-karozzi fi Vjal il-Labour u Triq G.M.Farrugia. Se jkunu qed jipparteċipaw ukoll il-gwardjani tal-ħabs bil-kelb tagħhom kif ukoll il-forn tal-ħabs. Il-Kunsillier Stephen Axisa qal li waqt din l-attivita' se jsir ukoll it-Tberik tal-Annimali li se jieqaf fil-Pjazza għat-tberik mill-Kappillan u l-qofol tiegħu jintlaħaq fil-Pjazzetta fi Triq Santa Marija fejn jingħataw xi trophies lill-parteċipanti sponsorjati mill-Ministeru tal-Agrikultura u d-Drittijiet tal-Annimali. Is-Sindku Karl Boxall informa ukoll li dakinhar fuq Santu Rokku se jkun hemm ukoll il-Blood Donation Unit.

## 12.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2024

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024 li ntbagħat qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

12.6.2 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024
Mozzjoni 12-03 Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant : Il-Kunsillier Jesmond Manicolo
Dwar din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu.

## 12.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

12.7.1 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex l-kaxxa safra fi Triq Ta' Loretu titkabbar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

12.7.2 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex id-double yellow line fi Triq il-Pitiross jitwal. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

12.7.3 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar talba minn resident sabiex tinqala' s-siġra li hemm fil-Pjazza. Dan ir-resident kiteb ittra lill-Kunsill Lokali li s-siġra li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja qed tagħmel xi ħsara lill-propjeta' tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-resident intalab jġib rapport mingħand perit dwar x'tip ta' ħsarat strutturali qed isiru skond ir-resident. Fir-rigward li l-Kunsill m'għandu l-ebda rapport ta perikli jew ħsarat strutturali, il-Kunsill ma jaqbilx li tiġi kkunsidrata t-talba li tinqala' s-siġra minħabba li din hija siġra li għandha ħafna snin u hija l-unika siġra ġol-Pjazza. Il-Kunsill sostna ukoll li f'każ li jkun hemm l-approvazzjoni tal-ERA biex is-siġra tinqala', il-Kunsill xorta mhux se jkun qiegħed jaqla' t-tali siġra.

12.7.4 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li se jkun qed jinbeda x-xogħol fi Triq Gebelin. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li x-xogħol li qed isir fi Triq it-Terħa mhux qed isir tajjeb għaldaqstant ikun tajjeb li nitolbu ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit responsabbli.

## 12.8 Korrispondenza

12.8.1 Tressqet korrispondenza mill-Għaqda San Ġuzepp dwar l-permessi għal kunċerti li se jsiru fil-ground tal-Kappillan. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

12.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-pjanti proposti tal-Kulleġġ tas-St. Albert's f'Dawret Ħal Għaxaq. Saret laqgħa fejn ġew spjegati l-Pjanti. Il-Kunsill unanimament jaqbel mal-proġett hekk kif qed jiġi propost iżda għamel talba sabiex inkunu nistgħu nagħmlu użu mill-faċilitajiet u ssir diskussjoni dwar it-traffic management biex ikollu l-inqas inpatt fuq iż-żona indikata.

12.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex isir il-proġett tal-Boundary Wall fil-Bypass, il-Kunsill qed jintalab li jqabbad H&S Officer kif ukoll Project Supervisor. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jsirux ix-xogħlijiet minħabba li hemm ħafna xogħlijiet oħra għaddejin.

12.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza sabiex tiġi ffirmata mill-membri kollha tal-Kunsill dwar l-għażla tal-Evaluation Board għal-proġett ta' Project Green, fejn il-Kunsill kien qabel li jinbidel il-Bord u jintagħżlu nies professjonali. Din id-dikjarazzjoni ġiet maqbula u ffirmata mill-membri kollha.

12.8.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li rċieva ilmenti dwar Laser tag fiż-żona taż-Żebbuġ li qed issir bla permess. Huwa qal li r-rapport għaddieh lil community police sabiex jinvestigaw.

12.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iSkema Manutenzjoni f'Binjiet Pubbliċi ma ġietx approvata u ingħatajna ċ-ċans li nissotomettu proposta oħra. Il-Kunsill qabel li bħala proposta tinbidel għal manutenzjoni fil-letrini pubbliċi ta' Ġnien Emanuel Vassallo. Dwar dan il-Kunsill qabel.

12.8.7 Tressqet korrispondenza dwar Skema SPI/SCI/03/2025: Lokalitajiet aktar nodfa fejn il-Kunsill pppropona li jerġa jipparteċipa biex isir tindif fi Triq il-Belt Valletta li jinklużi ġbir ta' skart, rimi ta' skart, qtugħ ta' ħaxix u rimi. Dwar dan il-Kunsill qabel li din l-attivita' ssir f'Settembru preferibbilment meta t-tfal ikunu daħlu l-iskola biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-attivita'

## 12.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera

12.9.1 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li s-siġar ta' Triq il-Ħannieqa qed ikissru l-bankini kollha u ssuġerixxa li jinqalgħu. Il-Kunsill qabel li nibgħatu għal parir mingħand l-ERA dwar jekk dawn is-siġar jistgħux jinqalgħu u x'inhi l-proċedura.

12.9.2 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li hemm bżonn nieħdu ħsieb il-ħitan tas-sejjieħ li hemm fi Triq il-Belt Valletta. Fir-rigward li l-Kunsill m'għandux dettalji tas-sidien tal-għelieqi, qabel li ngħaddu l-ilment lil Public Works.

12.9.3 Il-Kunsillier Stephen Attard tkellem dwar s-service road ul-urġenza biex isir xi ħaġa biex jitnaqqas il-periklu. Huwa ssuġerixxa li jerġgħu jintbagħtu reminders tat-talbiet li l-Kunsill għandu pendenti ma TM. F'każ li nibqgħu bla risposta, ssuġerixxa li ssir laqgħa mal-Ministru.

12.9.4. Inġibdet l-attenzjoni ukoll dwar Bus 88 li meta qed tgħaddi minn Ħal Għaxaq qed tkun mimlija. Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni qed nippruvaw li tiġi solvuta peress li issa żdiedet il-frekwenza.

**12.10 <u>Mozzjonijiet</u>**

12.10.1 Annessi mal-Minuti

**12.11 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

12.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 22 ta' Mejju 2025 fil-5.30pm. Se tkun qed tissejjaħ ukoll laqgħa straordinarja sabiex jiġu approvati l-Audited Financial Statements.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 12**

**Mozzjoni Ref:** 12-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 11

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Brian Xuereb**<br>**Sekondant** |

**Data:** 10 t'April 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 12**

**Mozzjoni Ref:** 12-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 12(09)

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Stephen Attard** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 10 t’April 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**